



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2013/2065 (INI)

18.9.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar in-nisa b'diżabilitajiet
(2013/2065(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Corina Crețu

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li huwa stimat li madwar biljun ruħ fid-dinja¹ jgħixu b'diżabilitajiet u li 80 % minnhom jgħixu fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; jenfasizza li n-nisa b'diżabilitajiet huma żvantaġġati taħt ħafna aspetti billi jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet notevoli biex jiksbu l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, għall-kura tas-saħħa, għat-trasport pubbliku, għall-edukazzjoni, għat-taħriġ professjonali u għall-impjiegi, u jesperjenzaw disparità ta' aċċess għall-kreditu u għal riżorsi produttivi oħrajn u rarament jipparteċipaw għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
2. Jissottolinja l-fatt li n-nisa b'diżabilitajiet huma esposti għal riskji oġġla ta' vjolenza sessista, għall-abbuż u għall-isfruttament sesswali; jenfasizza li f'ħafna pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp għadhom jeżistu ostakli gravi biex taħrab mill-vjolenza, tirrapporta tali reati u taċċedi għall-ġustizzja u għas-servizzi ġuridiċi u soċjali;
3. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi adottat approċċ sensitiv għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru għad-diżabilità fl-aġenda ta' żvilupp ta' wara l-2015;
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jintegraw b'mod koordinat id-diżabilità fil-politiki ta' żvilupp u fil-proġetti u jippromwovv strateġija komprensiva biex tnaqqas il-faqar fil-programmi ġeografiċi ddedikati lin-nisa b'diżabilitajiet, bil-għan li jiġi żblukkat il-potenzjal ekonomiku tagħhom; jenfasizza li r-riforma agrarja trid tiggarrantixxi l-parità tal-ġeneru fil-proprjetà tal-artijiet, anki għan-nisa b'diżabilitajiet;
5. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jstabilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jivvalutaw l-impatt tal-politiki tagħhom dwar in-nisa b'diżabilitajiet f'livell nazzjonali; jistieden lill-UE ssostni l-impenn tal-pajjiżi sħab fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni ta' liġijiet dwar ix-xogħol, fir-rispett tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) u l-Konvenzjoni ILO 159;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi inizzjattivi intiżi li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-partijiet interessati biex jimplimentaw b'mod effikaċi l-impenni internazzjonali fil-qasam tal-iżvilupp inklużiv tad-diżabilità, f'konformità mal-oġġettivi tas-CRPD; jirakkomanda li l-UE tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilitajiet fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet internazzjonali u nazzjonali.

¹ World Report on Disabilities 2011, prodott konġuntament mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Bank Dinji.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Ricardo Cortés Lastra, Corina Crețu, Leonidas Donskis, Mikael Gustafsson, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Keith Taylor, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Philippe Boulland, Enrique Guerrero Salom, Edvard Kožušník, Krzysztof Lisek, Isabella Lövin, Judith Sargentini
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Emma McClarkin, Jarosław Leszek Wałęsa, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska